# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 590/2017 MH**

**Illum, 15 ta’ Diċembru, 2021**

**Paul Anthony Fenech (K.I. 735161M) f’ismu proprju u in rapprezentanza ta’ ħutu l-assenti Carmen Ines Fenech (detentriċi ta’ passaport Amerikan 470294434) Ginny Fenech detentriċi ta’ passaport Amerikan 522973904) u Rita Therrien detentriċi ta’ passaport Amerikan 45726653) kif debitament awtorizzat, flimkien ma’ martu Mary Fenech (detentriċi tal-karta tal-identita’ numru 0343759M) għal kull interess li jista’ jkollha**

**vs**

**Richard Fenech (K.I. Nru 311365M)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti tat-28 ta’ Ġunju 2017** permezz ta’ liema ġie premess:

*Jesponi bir-rispett u bil-ġurament jikkonferma s-segwenti fatti li jiddikjara li huwa jaf bihom personalment:*

1. *Illi nhar il-31 ta' Marzu, 2016 mietet omm ir-rikorrenti, Maria Rosaria sive Lucy Fenech. L-imsemmija Maria Rosaria sive Lucy Fenech kellha seba' wlied, fosthom l-erba' rikorrenti u l-intimat Richard Fenech;*

2. *Illi bl-aħħar testment tagħha in atti Nutar Dottor Francis Micallef tas-sbatax (17) t'Awwissu, 2007,* **(Dok A** *– riċerki testamentarji Reġistru Pubbliku,* **Dok B** *– riċerki testamentarji testment sigrieti u* **Dok Ċ** *– kopja tal-aħħar testment***)** *l-imsemmija Maria Rosaria Fenech ħalliet lil uliedha r-rikorrenti Paul, Ines, Josephine (sive Ginny), u Rita, kif ukoll Jane u Martin Fenech, "il-leġittima, ossia porzjoni riservata bil-liġi biss lilhom spettanti bil-liġi għal raġunijiet ben visti minnha" [sic] filwaqt illi innominat "b'eredi universali proprietarju assolut uniku tagħha" lill-intimat Richard Fenech;*

3. *Illi f'kull każ, is-sehem riservat rikonoxxut fl-istess testment jirriżulta mil-liġi u, f'dan il-każ, jirrappreżenta, għal kull wieħed mill-ulied, nofs il-valur tal-assi ereditarji tat-testatriċi diviż b'sebgħa ai termini tal-Artiklu 616 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

4. *Illi minkejja dan, l-intimat Richard Fenech għadu sallum ma addivjeniex għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riservat. Għall-kuntrarju, l-intimat irrifjuta kull attentat sabiex ir-rikorrenti jikkuntattjawh dwar is-sehem riservat dovut lilhom. Sussegwentement, giet intavolata ittra uffiċjali fil-5 t'Ottubru, 2016 iżda n-notifika baqgħet ma seħħitx minkejja diversi tentattivi u, qabel ipproċedew b'din il-kawża, l-esponenti bagħtu wkoll ittra legali (fit-23 ta' Frar, 2017) li baqgħet mingħajr risposta; Dan minbarra illi huwa ġie avviċinat informalment minn ħutu biex jippruvaw jaslu għal soluzzjoni bonarja, kif jixraq partikolarment f'kuntest familjari;*

5. *Illi ġie ntavolat ukoll mandat ta' sekwestru (numru 715/17) fl-ismijiet fuq ċitati iżda anke wara dan il-mandat, l-intimat baqa' inadempjenti;*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

***GĦALDAQSTANT**, ir-rikorrenti jitolbu illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tillikwida l-assi ereditarji ta' Maria Rosaria sive Lucy Fenech, okkorrendo bl-għajnuna ta' periti nominandi;*
*(ii) Konsegwentement tillikwida s-sehem riservat mill-assi ereditarji tal-imsemmija Maria Rosaria sive Lucy Fenech spettanti skont il-liġi lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti;*
*(iii) Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-sehem riservat dovut lilhom skont il-liġi;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru 715/2017 fl-istess ismijiet u tal-ittri li ppreċedew il-każ, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimat li huwa minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta' ġuramentata tal-intimat tas-16 ta' Jannar 2018**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

[1] Fol 55 et seq

*Jeċepixxi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jiddikjara l-fatt hawn taħt li huwa jaf bihom personalment:*

1. *Illi fl-ewwel lok irrid jiġi ppruvat illi Paul Anthony Fenech għandu l-mandat sabiex jaġixxi u jirrapreżenta lir-rikorrenti assenti, ossia lil Carmen Ines Fenech, Ginny Fenech u Rita Therrien aħwa Fenech.*
2. *Illi huwa minnu illi nhar il-31 ta' Marzu, 2016 mietet omm il-partijiet, Maria Rosaria sive Lucy Fenech. Illi huwa minnu illi d-defunta Maria Rosaria Fenech kellha seba' ulied, fosthom l-erba' rikorrenti, ossia Paul Anthony Fenech, Carmen Ines Fenech, Ginny Fenech u Rita Therrien aħwa Fenech, kif ukoll l-eċċipjenti, Richard Fenech.*
3. *Illi huwa minnu illi Richard Fenech huwa l-eredi universali kif huwa ukoll minnu illi hija ħalliet lil uliedha l-oħra ossia Paul Anthony, Carmen Ines, Jane magħrufa bħala Ginny, Rita u Josephine u Martin (l-aħħar tnejn ma jifformawx parti minn dina l-kawża) il-porzjon riservata mill-liġi. Illi di piu qiegħed jiġi nnotat illi fir-rikors promutur hemm żball rigward l-ismijiet u l-identita' tal-aħwa u dana għaliex Jane hija magħrufa bħala Ginny.*
4. *Illi huwa qatt ma ried iċċaħħad lil ħutu mis-sehem tagħhom tal-porzjon riservat iżda huma ħutu stess li mhux qed jaċċettaw il-valur tal-assi kif irriżulta mill-causa mortis li l-eċċipjenti għamel hu stess u dan wara li l-Perit Rossignaud ta' stima tad-dar ta' fejn qed jabita l-istess eċċipjenti u li d-defunta Lucy Fenech ħalliet is-sehem tagħha ta' dana l-fond lil Richard Fenech bħala werrieta universali, liema fond jikkomprendi l-assi mmobbiljari kollha tad-defunta Lucy Fenech. Illi fil-fatti huma jafu ben tajjeb li saret il-causa mortis u li tqabbad il-Perit Rossignaud, iżda huma ma riedux jaċċettaw il-valutazzjoni tal-imsemmi perit u għalhekk jidħlu fis-sehem tagħhom tal-porzjon riservat.*

5. *Illi mhux minnu illi huwa ma pprovax jasal bonarjament. Anzi huwa tant ried jasal u tant kien hemm trattattivi bejniethom li sa anke wasal sabiex aċċetta illi jdaħħal ġo daru perit t'għażla tagħhom sabiex jistmgħu l-fond tad-defunta Lucy Fenech la darba ma riedux jaċċettaw l-istima tal-Perit Rossignaud.*
6. *Illi għalhekk jidher ċar illi l-atturi mhux qed jaqblu fuq il-valur tal-assi tad-defunta Lucy Fenech. Għaldaqstant minkejja li l-eċċipjenti m'għandu l-ebda oġġezzjoni illi l-atturi jieħdu sehemhom mill-assi tal-imsemmija defunta bħala l-porzjon riservat tagħhom, għandha ssir il-verifki u l-valutazzjoni ta' tali assi u sana anke okkorendo bin-nomina ta' periti nominandi.*
7. *Illi jekk jiġi ppruvat illi Paul Anthony Fenech għandu l-mandat rikjest sabiex jaġixxi u jirrappreżenta l-ħutu l-eċċipjenti ma jopponiex it-talbiet attriċi fil-konfront ta' Paul Anthony, Carmen Ines, Rita u Ginny salv illi minħabba n-nuqqas t'aċċettazzjoni da parti tal-atturi tal-valutazzjoni tal-immobbli l-għoti tal-porzjon riservat għandu jsir wara li jkunu saru l-verifika u l-valutazzjoni tal-assi tad-defunta Lucy Fenech u dana qabel ma l-atturi jidħlu f'sehemhom.*
8. *Illi fir-rigward l-attriċi Mary Fenech, it-talbiet attriċi huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana minħabba illi hija mhux intitolata għall-ebda sehem mill-porzjoni riservat skont il-liġi.*
9. *Għaldaqstant l-eċċipjenti filwaqt li jitlob illi t-talbiet attriċi jiġu miċħuda in toto versu Mary Fenech, huwa jitlob illi t-talbiet attriċi jiġu miċħuda fil-konfront ta' Carmen Ines Fenech, Ginny Fenech u Rita Therrien aħwa Fenech u dana dejjem jekk Paul Anthony Fenech ma kellux il-mandat sabiex jaġixxi għan-nom tagħhom.*
10. *Illi iżda jekk Paul Anthony Fenech kellu l-mandat rikjest, l-eċċipjenti ma jopponiex għat-talbiet attriċi fil-konfront ta' Paul Anthony Fenech, Carmen Ines Fenech, Rita Therrien u Ginny Fenech salv li ssir il-valutazzjoni u l-*

*verifki tal-assi u dana jekk ikun il-każ bis-saħħa ta' periti nominandi u dana stante li l-atturi mhux qed jaċċettaw il-valutazzjoni tal-assi li saret fil-causa mortis mill-istess eċċipjenti.*

11. *Illi anke jekk Paul Anthony Fenech ma kellux l-mandat rikjest l-eċċipjenti ma jopponiex għat-talbiet attriċi fil-konfront ta' Paul Anthony Fenech, salv li ssir il-valutazzjoni u l-verifki tal-assi u dana jekk ikun il-każ bis-saħħa ta' periti nominandi u dana stante li l-atturi mhux qed jaċċettaw il-valutazzjoni tal-assi li saret fil-causa mortis mill-istess eċċipjenti.*
12. *B'riserva illi jinġabu eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi mressqa inkluż dawk fir-rapport tal-perit inkarigat minnha Robert Musumeci.

Rat illi minkejja li l-intimat kellu diversi opportunitajiet u seduti ffissati biex iressaq il-provi tiegħu huwa naqas li jagħmel dan mingħajr ebda raġuni valida u l-Qorti kienet finalment kostretta li tiddikjara l-provi tiegħu magħluqa.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' omm il-kontendenti u konsegwentement tillikwida u tordna l-ħlas tas-sehem riżervat mill-assi ereditarji tagħha skont il-liġi lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti.

Sabiex jilqa' għal dawn il-pretensjonijiet l-intimat ressaq numru ta' eċċezzjonijiet fosthom li huwa ma kienx qiegħed joġġezzjona għall-ħlas tas-sehem riżervat lil ħutu r-rikorrenti iżda nnega li huwa qatt ipprova jċaħħad lil ħutu minn dan is-sehem. Huwa jargumenta li anzi kienu huma li rrifjutaw li jimxu fuq il-valur tal-assi skont kif dikjarati fil-*causa mortis* ta' ommhom.

## 1. FATTI

Sintetikament mill-atti huwa paċifiku li l-kontendenti (għajr ir-rikorrenti Mary Fenech) huma lkoll aħwa u wlied Maria Rosaria sive Lucy Fenech, armla ta' Joseph Fenech.

Maria Rosaria mietet nhar il-31 ta' Marzu 2016.

Skont l-aħħar testment tagħha datat 17 t'Awissu 2007[2] Maria Rosaria Fenech ħalliet lil uliedha r-rikorrenti Paul, Ines, Rita u Jane kif ukoll lil żewġ ulied oħra li mhumhiex parti fil-kawża Martin u Josephine *"il-leġittima ossia porzjoni riżervata bil-liġi biss lilhom spettanti bil-liġi għal raġunijiet ben visti minnha."* Lil binha l-ieħor, il-konvenut Richard Fenech, hija nnominatu eredi universali proprjetarju assolut tal-ġid tagħha u dan in remunerazzjoni ta' kemm kien ilu jdur u jieħu ħsieb kemm lilha kif ukoll lil żewġha għal circa 27 sena, ċioe' xi 10 snin meta kien għadu ħaj żewġha u xi 17 -il sena oħra minn mindu miet żewġha lil hawn.

## 2. EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

Elenkati l-fatti riżultanti, imiss jiġu ndirizzati l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut.

**Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari** tiegħu l-konvenut jargumenta li r-rikorrent Paul Anthony Fenech jeħtieġlu jġib prova li għandu l-mandat sabiex jirrapreżenta

[2] Fol 15 et seq

lir-rikorrenti assenti Carmen Ines Fenech, Jane sive Jinny Fenech u Rita Therrien, ilkoll aħwa Fenech.

Jirriżulta li waqt is-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 li saret quddiem il-perit Musumeci, r-rikorrent Paul Anthony Fenech ikkonferma bil-ġurament li Carmen Inez Fenech, Ginny Fenech u Rita Therrien li jissemmew fl-okkju huma ħutu u jgħixu fl-esteru. Qal li huma riedu jiftħu kawża biex jieħdu sehemhom u awtorizzawh biex jagħmel dan permezz ta' prokuri separati li huwa ppreżenta *animo ritirandi* l-oriġinal tagħhom fl-atti flimkien mal-kopja tal-passaport ta' kull waħda minnhom.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ġiet ormai sorvolata.**

Jiġi nnutat ukoll li bis-saħħa tad-digriet tal-24 ta' Jannar 2018 il-kliem "Ginny Fenech" fl-okkju tal-kawża kellu jibda jaqra "Jane sive Ginny Fenech" u għalhekk **l-aħħar parti tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut** fejn issir referenza għal żball rigward l-ismijiet u l-identita' tal-aħwa, ukoll ġiet sorvolata.

## 3. MERTU

Kif ingħad, il-bażi tal-azzjoni odjerna hija l-likwidazzjoni tal-assi erdeitarji ta' omm il-partijiet fil-kawża u l-likwidazzjoni u l-ħlas tas-sehem riżervat mill-assi ereditarji spettanti lil kull wieħed u waħda mir-rikorrenti.

Bħala punt tat-tluq il-Qorti tissottolinea li l-fatt waħdu li l-intimat naqas li jressaq provi fil-kawża, ma jeżonerax lir-rikorrenti milli jippruvaw il-każ tagħhom sal grad rikjest mill-liġi. Ingħad hekk fir-rigward fil-każ **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deċiż fil-11 ta' Diċembru 2015 -**

*"Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawża "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :-*

*"… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

……

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).”*

Fl-ewwel lok, il-Qorti tagħmel referenza għat-**tmien eċċezzjoni tal-konvenut** pemezz ta’ liema huwa jargumenta li t-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu fir-rigward tar-rikorrenti Mary Fenech peress li hija mhijiex intitolata għal ebda sehem mill-porzjoni riżervat skont il-liġi.

Jiġi nnutat li Mary Fenech hija mart ir-rikorrent Paul Anthony Fenech u kif jirriżulta mill-okkju hija ntavolat il-kawża biss għal kull interess li jista’ jkollha. Dan jirrendi l-preżenza tagħha fil-kawża waħda f’vesti nċerta. Fir-rigward ingħad hekk fil-każ **Nazzareno Spiteri et vs Karl Busuttil et deċiż fis-27 ta’ Marzu 2015** -

*“17. Kif korrettament jilmenta l-konvenut appellant Busuttil, bil-kwalifika “għal kull interess li jista’ jkollha” wara isimha, jiġi li l-attriċi Josephine Spiteri effettivament ħarrket lilu u lill-konvenut l-ieħor f’ “vesti inċerta”. Dan fih innifsu jindika li l-istess attriċi taf li m’għandhiex (jew għandha dubju jekk għandhiex) l-interess rikjest biex tipproponi tali azzjoni.*

*18. Huwa risaput li biex attur jistitwixxi kawża jrid ikollu l-interess. Skont id-dottrina u l-ġurisprudenza nostrana, l-interess ġie definit bħala “la misura dell’azione” u “point d’interet point d’action”. L-interess irid ukoll ikun (1) ġuridiku, jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta’ dritt u ta’ vjolazzjoni tiegħu; (b) dirett fis-sens li jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, u personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur, ħlief fil-każ tal-azzjoni popolari; u (c) attwali, fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta’*

*vjolazzjoni ta' dritt jiġifieri l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*19. Ladarba dan l-interess irid jissussisti fil-persuna ta' min jipproponi l-azzjoni, assolutament mhux kompatibbli ma' dan il-prinċipju tal-interess meta l-persuna li tipproponi l-azzjoni tikkwalifika l-preżenza tagħha fil-kawża bħala "għal kull interess li jista' jkollha". Bil-mod ta' kif ġiet proposta l-azzjoni mill-attriċi, din qegħda tpoġġi fid-dubju l-interess da parti tagħha fl-azzjoni proposta minnha stess, u għalhekk isir impellenti li jigi stabbilit jekk hemmx l-interess jew le da parti tagħha. Ċertament mhux aċċettabbli li persuna li m'għandhiex interess biex tipproponi kawża tispiċċa tottjeni titolu eżekuttiv kontra l-persuna li kontriha hija fetħet il-kawża, anzi għandu jkun żgurat li dan ma jseħħx.*

*20. Għalkemm l-attriċi, bħala mart Nazzareno Spiteri jista' jingħad li għandha interess fl-eżitu ta' din il-kawża dan ma jfissirx neċessarjament li hija stess għandha l-interess ġuridiku, dirett u personali, u attwali sabiex tintavola din l-azzjoni kontra l-konvenuti....L-attriċi Josephine Spiteri la xehdet f'dawn il-proceduri, u lanqas biss tissemma fil-provi.*

*21. Di piu` ġie stabbilit mill-qrati tagħha li l-interess tal-attur għandu jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Issa fiċ-ċitazzjoni odjerna ġie premess li tnejn mill-atturi, u ċioe` Nazzareno Spiteri u Mario Spiteri (bl-esklużjoni tal-attriċi Josephine Spiteri) huma proprjetarji u fil-pussess ta' għalqa, u li bl-aġir tagħhom il-konvenuti ċaħduhom milli jaċċedu għal din l-għalqa proprjetà tagħhom. L-ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u tal-vjolazzjoni tiegħu għalhekk huwa eżistenti fil-konfront ta' Nazzareno u Mario Spiteri iżda kompletament mankanti fir-rigward tal-attriċi Josephine Spiteri."*

Fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali suċċitati, l-Qorti tinnota li għalkemm ir-rikorrenti Mary Fenech jista' jkollha nteress fl-eżitu tal-kawża odjerna minħabba l-pożizzjoni ta' żewġha fl-istess proċeduri dan ma jakkordalhiex l-interess ġuridiku rikjest mill-liġi sabiex tavvanza l-pretensjonijiet imressqa fir-rikors promotur. Infatti, Mary Fenech mhijiex waħda mid-dixxendenti tad-defunta Maria Rosaria Fenech, u kwindi skont il-liġi ma hijiex intitolata għal ebda sehem mill-beni ta' Maria Rosaria. Konsegwentement ebda waħda mit-talbiet imressqa mir-rikorrenti ma tista' tintlaqa' fil-konfront tagħha.

**It-tmien eċċezzjoni hija għalhekk ġustifikata u sejra tiġi milqugħa.**

Għaldaqstant it-talbiet sejrin jiġu kkunsidrati biss fir-rigward tar-rikorrenti l-oħra.

Kif ingħad, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ppernjati fuq il-kalkolu tas-sehem riżervat lilhom mill-beni t'ommhom skont il-liġi.

Japplikaw għalhekk **l-artikoli 615 et seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** -

*"615.(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

*616.(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

*(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija."*

Huwa paċifiku li peress li fil-każ odjern si tratta ta' seba' ulied, is-sehem riżervat huwa ekwivalenti għal nofs il-beni tad-defunta diviż bejn sebgħa, ergo sehem wieħed minn erbatax (1/14).

Dwar il-metodoloġija li twassal għal kalkolu tal-valur tal-beni tad-decujus il-Qorti qalet hekk fil-każ **Claudette Camilleri vs Christopher Camilleri et deċiż fit-2 t'April 2021** -

*"Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jiġi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus **Carmelo sive Charles Camilleri** l-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deċiża fil-15 ta' April, 2004 fejn ingħad illi:*

*'Wieħed irid jirriporta ruħu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.*

*(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;*

*(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;*

*(ċ) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li ttestatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni. B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi'.*

Elenkati dawn il-prinċipji, dwar il-kalkolu tas-sehem riżervat fil-kawża odjerna jiġi nnutat li waqt is-seduta tad-19 ta' Frar 2018 quddiem il-perit tekniku, d-difensur tar-rikorrenti vverbalizza s-segwenti -

*"Illi mir-risposta maħlufa tal-intimat in atti ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li r-rikorrenti imisshom is-sehem riservat skont il-liġi. Jidher għalhekk li l-vertenza li fadal hi dwar il-valur ta' dan is-sehem riservat. F'dan ir-rigward jidher li l-assi tad-decujus jistgħu jinġabru kif ġej:*

*1. Sehem ta' nofs indiviż tal-fond Royal Oak, 49, Triq il-Ħarifa, Mosta. Fir-rigward ta' din il-proprjeta', Dr. Camilleri jirrileva li wara l-aħħar seduta ġie mgħoddi kopja ta' rapport u stima imħejjija mill-Perit Edgar Rossignaud u datata 30 ta' Ġunju 2016. Il-valur indikat f'din l-istima huwa ta' €360,000 għall-proprjeta' intiera u r-rikorrenti huma disposti li jaċċettaw dan il-valur bħala wieħed ġust;*

*2. Proprjetajiet mogħtijin b'ċens lil terzi. Fir-rigward ta' dawn il-proprjetajiet Dr. Camilleri jitlob jirregola ruħu għax f'każ li jirriżulta li dawn huma ċnus perpetwi, ir-rikorrenti jkunu esposti li jeskluduhom mill-kalkolu tas-sehem riservat;*

*3. Jifdal b'hekk biss kalkolu tal-flus li id-decujus seta' kellha f'kontijiet bankarji fil-ħajja tagħha u li possibilment ġew mgħoddija lill-intimat Richard Fenech."*

L-intimat Richard Fenech, preżenti għal dik is-seduta mingħajr assistenza legali, ma ressaq ebda sottomissjoni jew oppożizzjoni għal tali dikjarazzjoni. Lanqas wara tali seduta ma ħa pożizzjoni.

Kwindi l-Qorti sejra tagħmel il-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn it-tlett beni.

1. Fir-rigward tal-**fond Royal Oak, 49, Triq il-Ħarifa, Mosta**, in kwantu jirriżulta li dan kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, id-defunta Maria Rosaria Fenech, kellha sehem ta' nofs indiviż. Huwa paċifiku f'dan l-istadju li l-partijiet qegħdin jaqblu li l-valur tal-fond in kwistjoni huwa dak stabbilit mill-istima mħejjija mill-perit Edgar Rossignaud esibita in atti. Il-valur hemm indikat huwa ta' tlett mija u sittin elf Ewro (€360,000). Ma nġiebet ebda prova li b'xi mod ixxejjen jew tpoġġi f'dubju r-raġjonevolezza ta' dan il-valur fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni.

Konsegwentement, għall-fini tal-kawża odjerna **l-Qorti sejra tqis il-valur tal-fond għall-iskop tal-kalkolu bħala mija u tmenin elf Ewro (€180,000)**.

2. Saret referenza vaga għal **proprjetajiet oħra mogħtija b'ċens lil terzi persuni**. Madankollu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti ddikjaraw li rriżultalhom li ċ-ċnus li sehem minnhom kienu jappartjenu lid-defunta kienu ċnus perpetwi u għalhekk għal skopijiet ta' prattiċita' ma kinux qed jitolbu li jiġu nklużi fil-kalkolu tal-valur tal-beni tad-defunta[3].

**Il-Qorti għalhekk mhijiex sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn il-beni.**

3. Dwar il-**kontijiet bankarji tad-defunta** tressqu diversi provi kemm tramite rappreżentanti tal-Banek kif ukoll permezz tad-dokumenti relattivi tal-kontijiet bankarji in kwistjoni:
a. Ir-rappreżentanti tal-banek APS Bank Limited u BNF Bank iddikjaraw bil-ġurament li ma rriżultaw ebda kontijiet bankarji appartenenti lid-defuna Maria Rosaria sive Lucy Fenech;

[3] Fol 150

b. Ir-rappreżentanta tal-Bank HSBC Bank Malta plc xehdet li minn riċerki li għamlu għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sad-29 ta' Marzu 2018 rriżultalhom li kien hemm kont bankarju bin-numru 061232765050 fuq isem Maria Rosaria *sive* Lucy Fenech. **Dan il-kont kien ingħalaq fl-10 ta' Lulju 2009;**

ċ. Ir-rappreżentanta tal-Bank of Valletta plc xehdet li minn riċerki li għamlu għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 'il quddiem irriżultalhom li kien hemm żewġ kontijiet f'isem id-defunta li jirrapreżentaw *savings account* li infetaħ fit-3 ta' Marzu 1987 u **ingħalaq fid-19 t'April 2017** u *savings account* ieħor li nfetaħ fil-21 t'Ottubru 2003 u **ngħalaq fit-13 t'April 2017**. Irriżulta wkoll li hija kellha mal-istess Bank żewġ kontijiet oħra savings b'mod konġunt mal-intimat u li wieħed minnhom ingħalaq fit-**13 ta' Novembru 2006** u l-ieħor **fl-10 ta' Lulju 2008**;

d. Ir-rappreżentanta tal-Lombard Bank Malta plc xehdet li minn riċerki li għamlu għall-perjodu mis-sena 2001 'il quddiem instab li d-defunta Fenech kellha żewġ kontijiet ma' terza persuna. Wieħed kien *fixed term deposit* li ġie magħluq fl-**2002** u l-flus li kien hemm fih ġew trasferiti f' kont *savings*. **Il-kont *fixed* kien ingħalaq fl-istess ġurnata**.

Il-Qorti tinnota li f'uħud mill-istataments tal-bank tad-defunta Fenech hemm referenza għal prokura f'isem l-intimat Richard Fenech.

**Kif ingħad fis-suespost il-valur tal-kontijiet għandu jitqies bħala dak fis-seħħ fil-mument tal-apertura tas-suċċessjoni**.

Jiġi nnutat li r-rikorrenti jressqu numru ta' argumenti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom bażati primarjament fuq l-allegazzjoni li matul is-snin inġibdu ammonti sostanzjali ta' flejjes mill-kontijiet surreferiti li mhumhiex kompatibbli ma' bżonnijiet ordinarji ta' persuna anzjana. Huma jsostnu li fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ta' x'sar minnhom dawn il-flejjes, dawn għandhom jitqiesu li għaddew għand Richard Fenech b'donazzjoni (Fenech kellu wkoll il-prokura biex jiġbed flus mill-kontijiet t'ommu) u għandhom jiddaħħlu fil-kalkolu tal-massa ereditarja.

Il-Qorti tqis pero' li ebda prova ma tressqet sabiex tissostanzja dawn l-allegazzjoniijiet sal-grad rikjest mill-liġi. Huwa minnu li l-intimat jidher li kellu prokura sabiex jiġbed flus mill-kontijiet t'ommu wkoll imma dan il-fatt waħdu ma jistax awtomatikament jorbot lill-intimat mal-*withdrawals* kollha jew almenu l-maggor parti tagħhom, li saru matul is-snin. L-istess jingħad għall-preżunzjoni tar-rikorrenti li l-intimat irċieva dawn il-flejjes bħala donazzjoni mingħand ommu; ħjiel ta' prova dwar dan ma' hemmx fl-atti. Dawn l-argumenti jistgħu jitqiesu biss bħala suppożizzjonijiet u konġetturi gratuwiti u xejn aktar.

Il-Qorti hija tal-fehma għalhekk li fuq bażi ta' probabilta' dawn il-flejjes, jew il-maggor parti tagħhom, la m'hemmx prova kontrarja, inġibdu fuq numru ta' snin għall-ħtiġijiet varji tad-defunta Maria Rosaria Fenech, **anke jekk jidhru li setgħu kienu ripettitivi u konstanti f'ċertu kazijieti,** u kwindi għall-fini tal-kalkolu tal-massa ereditarja għandhom jitqiesu biss is-somom ta' flus li nstabu fil-kontijiet bankarji in kwistjoni fil-mument tal-ftuħ tas-suċċessjoni u ċioe' – s-somma ta' €438 li daħħlet fil-kont lid-defunta kellha mal-BOV bħala *widows pension* fl-14 ta' April, 2016 u dan għalkemm wara mewta pero stranament dan il-kont ingħalaq ftit wara bil-bilanċ ta' €0.28. Hawn il-Qorti qed tagħmel referenza għal kont dokumentat bħala JB24051802.[4] Fil-kont bankarju ieħor esebit bħala DokJB24051801 esebit mill-istess xhud wara mewt id-decujus kien hemm pendenza tas-somma ta' €0.56. Magħduda flimkien dawn iwasslu għas-somma ta' €438.56,0.

B'hekk il-kalkolu totali tal-valur tal-massa ereditarju jammonta għal:

Nofs indiviż tal-fond fi Triq il-Ħarifa, Mosta - €180,000
Total tal-kontijiiet bankarji fil-ftuħ tas-suċċessjoni – €438.56,0.

**TOTAL –** €180,438.56

Peress li din is-somma trid tinqasam bejn 14 -il sehem, is-somma ta' €12,888.50, hija dovuta lil kull wieħed mir-rikorrenti (naturalment għajr Mary Fenech għar-raġunijiet suesposti).

Jifdal għalhekk jiġi deċiż jekk għandhomx jiġu akkordati mgħaxijiet lir-rikorrenti fuq din is-somma. Kif diġa' ċitat fl-artikolu 615 tal-Kap 16, imgħaxijiet bir-rata ta' 8% għandhom jiżdiedu mal-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn.

Filwaqt li omm il-kontendenti mietet fil-31 ta' Marzu 2016 ir-rikorrenti ntavolaw il-proċeduri odjerni fit-28 ta' Ġunju 2017. Isegwi li l-proċeduri odjerni ġew istitwiti entro t-terminu indikat mill-liġi.

Madankollu l-għoti tal-imgħax hija fakulta' diskrezzjonali peress li l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik ta' 8%.

4

Il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkusranzi kollha tal-każ odjern jidhrilha li għandha takkorda imgħax bir-rata ta' 8% fuq is-somma dovuta lir-rikorrenti anke għax fost oħrajn, l-atteġjament, l-inerzja u l-intransiġenza li l-intimat wera lejn ir-riżoluzzjoni tal-vertenza kemm qabel il-kawża ma' ħutu kif ukoll fil-kors tal-istess proċeduri wasslu biex ir-rikorrenti aħwa Fenech damu ferm aktar minn dak mistenni sabiex jirċievu s-sehem riżervat dovut lilhom skont il-liġi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni u tal-aħħar parti tat-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tmien eċċezzjoni u, tiċħad il-bqija tal-eċċezzjoniijiet tiegħu ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż.**

**2. Tiċħad it-talbiet fil-konfront ta' Mary Fenech.**

**3. Tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti fil-konfront tal-bqija tar-rikorrenti b'dana li tillikwida u tordna l-ħlas tas-somma ta'€12,888.50 kull wieħed lil Paul Anthony Fenech, Carmen Ines Fenech, Jane sive Ginny Fenech u Rita Therrien flimkien mal-ħlas ta' tmienja (8) fil-mija (%) imgħax fuq tali somma.**

**3. L-ispejjeż tal-proċeduri għandu jagħmel tajjeb għalihom l-intimat.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**